**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A16a-13

21 ta' Mejju 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/16 – Kontinwazzjoni**

Ser issir il-kontinwazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

5. Mozzjoni
8. Bdil ta' Dekasteri tal-Kunsilliera
9. Affarijiet Oħra
10. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**2 ta' Lulju 2013**

**Seduta Nru: 16 – Kontinwazzjoni - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa li saret it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku – Joe Galea – Viċi-Sindku – l-Kunsillieri, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat:** Il-Kunsillier Vincenza Attard minħabba mpenn familjari

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-21 ta' Mejju 2013

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**5. Mozzjoni**

Giet ipprezentata mozzjoni Nru: Klg6/03 – *Day Care Centre*

' Ir-residenti tal-Komunita' Gżirjana llum igawdu minn servizz ta' *day care centre*

fil-lokalitajiet ta' tas-Sliema u ta' l-Imsida u d-Dipartiment konċernat jipprovdi servizz ta' trasport sabiex ir-residenti tagħna jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira jħoss li tkun sitwazzjoni aktar ideali jekk dan is-servizz jibda jingħata wkoll fil-Komunita' tagħna stess. Dan ikun ta' konvenjent akbar għar-residenti li permezz t'hekk ikunu aktar qrib ir-residenzi tagħhom.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira qed jara li dan jista' jsir billi tintuża s-sala tal-Kunsill Lokali stess.

Huwa għalhekk, li l-Kunsill Lokali tal-Gżira, permezz ta' din il-mozzjoni jaqbel li għandu jagħmel it-talba għat-tali servizz lill-Ministeru konċernat. '

Din il-mozzjoni ġiet proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea u l-Kunsillier Charles Micallef St. John.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni u għalhekk għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja.

**8. Bdil ta' Dekasteri tal-Kunsilliera**

Rigward is-suggett sopracitat, iċ-*Chairman* qal li l-Ambjent, Traffiku u Ordni Pubblika li kienu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsillier Joe Camilleri ser jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu filwaqt li l-Kunsillier Joe Camilleri ser ikun responsabbli mit-Turiżmu iżda ser jibqa' jirrappreżenta lill-Kunsill kemm fil-Kumitat Konġunt kif ukoll, fil-Kumitat tar-Reġjun.

Huwa kompla jgħid, li apparti r-responsabbilitajiet li għandu l-Kunsillier Charles Micallef St. John kien ser ikun responsabbli wkoll tal-Kultura.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat tar-Reġjun kien ppropona li jinħattru żewġ Avukati sabiex jaġixxu bħala *debt collectors on a commission basis* u dan minħabba l-fatt li kemm il-Kumitat Konġunt u l-Kumitat tar-Reġjun għandhom ħafna debituri.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li kienet qed tiġi diskussa l-possibilita' li t-*traffic signs* u r-*road markings* kienu ser jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tar-Reġjun.

Il-Kunsillier Joe Camilleri talab biex jiġi skużat minħabba li kellu jattendi għall-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li kienet fil-5.30 p.m.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 9. Affarijiet Oħra

**9.1** Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu fil-lokalita' hawn diversi *reserved parkings* li huma llegali u dan minħabba l-fatt li meta l-persuna li għaliha tkun saret din ir-*reserved parking* tiġi nieqsa, l-familjari jonqsu mill jirrappurtaw biex tittneħħa.

Għaldaqstant, huwa staqsa lill-Kunsillieri sabiex jirrappurtaw ir-*reserved parkings* li hawn fil-lokalita' sabiex din il-lista tintbagħat lit-*Transport Malta* biex tiġi konfermata.

**9.2** Il-Kunsillier Victor Rutter qal li kien qed jirċievi diversi lmenti dwar l-iskart li qed jinħareġ wara l-ħin tal-ġbir ta' l-iskart speċjalment is-Sibt b'konsegwenza tal-fatt, li l-boroż jiġu mqatta mill-klieb u l-qtattes u l-kontenut jinxteret mat-triq u jibqa' sat-Tnejn filgħodu.

Huwa kompla jgħid, li din is-sitwazzjoni ma tagħtix dehera tajba kemm għall-ambjent u lanqas għall-lokalita' u talab li tiġi nstallata tabella ta' l-iskart mal-ħajt tal-*Collector's items* fi Triq Sliema.

**9.3** Il-Kunsillier J.M. Muscat informa li sewwieqa kienu qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom fuq il-bankini u anke fuq id-*double yellow lines* speċjalment fi Triq ix-Xatt.

Huwa kompla jgħid, li dawn mhux talli qed jiksru l-liġi iżda qed jikkaġunaw ħsarat fil-bankini.

**9.4** Iċ-*Chairman* qal, li l-*boundary wall* ta' l-iskola jinsab fi stat ta' negliġenza partikularment il-fili li huma miftuħin tant, li nstabu xi siringi fihom. Huwa kompla jgħid li kien ha l-inizjattiva u kien kellem lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Evarist Bartolo dwar il-possibbilta li ssir manutenzjoni fuq dan il-ħajt.

Huwa nforma li dan ix-xogħol kien ser isir minn nies impjegati mal-Gvern pero' kienu ser jagħtu daqqa t'id ukoll in-nies li jaqgħu taħt l-iskema Xogħol fil-Komunita'.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**9.5** Il-Viċi-Sindku qal li hemm bżonn li jiġu nstallati tlett *bus shelters*, tnejn fi Triq ix-Xatt, ħdejn il-*KFC* , quddiem il-*Bay View Hotel* u ieħor fi Triq Msida u xtaq ikun jaf jekk il-*bus stop* ta' l-Arriva li hemm fi Pjazza Meme' Scicluna kienx għadu jintuaża

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lit-*Transport Malta* dwar il-*bus shelters* u lid-ditta Arriva dwar il-*bus stop.*

**9.6** Iċ-*Chairman* ta' spjegazzjoni dwar il-laqgħa li saret mat-*Transport Malta* fit-23 ta' Mejju 2013. Huwa kompla jgħid, li l-pjanti tal-proġett *Kappara Junction* ser jitlestew sa l-aħħar ta' Lulju 2013, filwaqt li x-xogħlijiet ser jibdew is-sena d-dieħla.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll, li qabel ma jibdew ix-xogħlijiet, it-*Transport Malta* ser issejjaħ laqgħa t'informazzjoni għar-residenti tal-madwar.

## 10. Laqgħa Oħra

Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra għad-diskussjoni, l-laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013, fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano<br>Sindku | Hugh Zammit<br>A/Segretarju Eżekuttiv |

MOZZJONI NRU: Klg6/03a

| | |
|---|---|
| Lill. | Kunsill Lokali Gżira |
| Mis- | Sindku |
| Data | 20 ta' Mejju 2013 |
| Ħin | 5.00 p.m. |

## *Day Care Centre*

Kunsill Lokali ta'  IL-GŻIRA

Ir-residenti tal-Komunita' Gżirjana llum igawdu minn servizz ta' *Day Care Centre* fil-lokalitajiet ta' Tas-Sliema u ta' l-Imsida u d-Dipartiment konċernat jipprovdi servizz ta' trasport sabiex ir-residenti tagħna jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira jħoss li tkun sitwazzjoni aktar ideali jekk dan is-servizz jibda jingħata wkoll fil-Komunita' tagħna stess.  Dan ikun ta' konvenjent akbar għar-residenti li permezz t'hekk ikunu aktar qrib ir-residenti tagħhom.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira qed jara li dan jista' jsir billi tintuza s-sala tal-Kunsill Lokali stess.

Huwa għalhekk, li l-Kunsill Lokali tal-Gżira permezz ta' din il-mozzjoni, jaqbel li għandu jagħmel it-talba għat-tali servizz lill-Ministeru konċernat.

| | | |
|---|---|---|
| Proponent: | Roberto Cristiano | Sindku |
| Sekondanti: | Charles Micallef St. John | Kunsillier (Minority Leader) |
| | Joe Galea | Viċi-Sindku |
| Laqgħa Nru: | Klg6 – kontinwazzjoni | 27.05.2013 |